# IS-SAĦĦA PUBBLIKA

It-Trattat ta' Lisbona żied l-importanza tal-politika tas-saħħa billi jistipula li "għandu jkun żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet kollha tal-Komunità". Ir-responsabbiltà primarja għall-protezzjoni tas-saħħa u, b'mod partikolari, għas-sistemi tal-kura tas-saħħa tibqa' f'idejn l-Istati Membri. Madanakollu, l-UE għandha rwol importanti fit-titjib tas-saħħa pubbliku, fil-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-mard, fil-mitigazzjoni tal-għejun tal-periklu għal saħħet il-bniedem u fl-armonizzazzjoni tal-istrateġiji tas-saħħa bejn l-Istati Membri. L-UE implimentat b'suċċess politika komprensiva, permezz tal-istrateġija għas-saħħa "Saħħa għat-Tkabbir" u l-programm ta' azzjoni (2014-2020) tagħha u permezz ta' korp ta' leġiżlazzjoni sekondarja. Il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) se jkompli jipprovdi finanzjament matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027.

## BAŻI LEGALI

L-Artikolu 168 tat-TFUE u l-Artikolu 114 tat-TFUE. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ddeċidiet f'diversi okkażjonijiet, billi tevoka l-Artikolu 114 bħala l-bażi legali, dwar kif l-UE tista' ssegwi objettivi tas-saħħa pubblika permezz tal-integrazzjoni tas-suq intern.

## OBJETTIVI

It-tliet objettivi strateġiċi tal-politika tas-saħħa tal-UE huma dawn li ġejjin:

— It-trawwim tas-saħħa tajba – sabiex jiġi evitat il-mard u jiġu promossi stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa billi jiġu indirizzati l-kwistjonijiet tan-nutrizzjoni, tal-attività fiżika, tal-konsum tal-alkoħol, it-tabakk u d-drogi, tar-riskji ambjentali u tal-korrimenti. B'popolazzjoni li qed tixjieħ, il-ħtiġijiet speċifiċi tas-saħħa ta' persuni akbar fl-età wkoll jeħtieġu aktar attenzjoni, u f'dawn l-aħħar snin ingħatat attenzjoni akbar lis-saħħa mentali;

— Il-protezzjoni taċ-ċittadini minn theddidiet għas-saħħa – sabiex jittejbu s-sorveljanza u t-tħejjija kontra l-epidemiji u l-bijoterroriżmu, u tiżdied il-kapaċità ta' reazzjoni għal sfidi ġodda għas-saħħa, bħat-tibdil fil-klima;

— L-għoti ta' appoġġ għal sistemi dinamiċi tas-saħħa – sabiex is-sistemi tal-kura tas-saħħa tal-Istati Membri jiġu megħjuna biex ikunu jistgħu jirreaġixxu għall-isfidi fir-rigward ta' popolazzjonijiet li qed jixjieħu, aspettattivi dejjem ogħla taċ-ċittadini

u l-mobbiltà tal-pazjenti u tal-professjonisti tas-saħħa, u biex l-Istati Membri jiġu megħjuna jagħmlu s-sistemi tal-kura tas-saħħa sostenibbli.

## KISBIET

Il-politika tal-UE dwar is-saħħa oriġinat minn dispożizzjonijiet dwar is-saħħa u s-sigurtà, u iktar tard żviluppat bħala riżultat tal-moviment liberu ta' persuni u merkanzija fis-suq intern, li kien jeħtieġ koordinazzjoni fil-qasam tas-saħħa pubblika. Bl-armonizzazzjoni tal-miżuri biex jinħoloq is-suq intern, il-bażi għal proposti fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà ġiet iffurmata minn livell għoli ta' protezzjoni. Diversi fatturi, inkluża l-kriżi tal-enċefalopatija sponġiformi bovina (il-"marda ta' ġenn il-baqar") lejn tmiem is-seklu għoxrin, wasslu sabiex is-saħħa u l-protezzjoni tal-konsumatur jingħataw prijorità għolja fl-aġenda politika. It-twaqqif ta' aġenziji speċjalizzati bħall-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) u ċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) juru l-impenn dejjem akbar tal-UE għall-politika tas-saħħa. Is-saħħa pubblika bbenefikat ukoll minn azzjonijiet f'oqsma ta' politika bħall-ambjent u l-ikel, fost ħafna oħrajn. Id-dħul fis-seħħ tal-qafas REACH għall-evalwazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' sustanzi kimiċi, u l-ħolqien tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) kienu wkoll indikaturi tal-isforzi multidixxiplinarji mmirati lejn it-titjib tas-saħħa taċ-ċittadini Ewropej.

**A.** Azzjonijiet tal-passat u l-kuntest

Minkejja n-nuqqas ta' bażi legali ċara, il-politika dwar is-saħħa pubblika żviluppat f'diversi oqsma qabel ma daħal fis-seħħ it-Trattat attwali. Il-leġiżlazzjoni dwar il-mediċini kienet diġà introdotta fl-1965 biex tiżgura standards għoljin ta' riċerka fil-mediċini u tal-manifattura tagħhom, u l-armonizzazzjoni tal-proċeduri nazzjonali tal-għoti ta' liċenzji għad-drogi, u biex tintroduċi regoli dwar ir-reklamar, it-tikkettar u d-distribuzzjoni. Programmi ta' riċerka medika u tas-saħħa pubblika jmorru lura għall-1978, u jkopru suġġetti bħal tixjiħ, problemi ta' saħħa relatati mal-ambjent u mal-istil ta' ħajja, riskji ta' radjazzjoni, u analiżi tal-ġenomi tal-bniedem, b'enfasi speċjali fuq mard serju; L-Istati Membri qablu wkoll li joffru assistenza reċiproka fil-każ ta' diżastri jew ta' mard estremament serju: Il-"marda ta' ġenn il-baqar" toffri eżempju prominenti ta' tali kooperazzjoni u assistenza.

L-azzjonijiet passati li wasslu għall-konfigurazzjoni tal-politika attwali tal-UE dwar is-saħħa kkunsidraw bosta inizjattivi ffokati. Meta tfaċċaw il-vizzju tad-droga, il-kankru u l-AIDS (fost oħrajn) bħala kwistjonijiet ewlenin marbutin mas-saħħa, flimkien maż-żieda kostanti fil-moviment liberu ta' pazjenti u professjonisti tas-saħħa fl-UE, dan kien ifisser li s-saħħa pubblika issa qed tokkupa pożizzjoni dejjem aktar prominenti fl-aġenda tal-UE.

It-Trattat ta' Maastricht tal-1992, li ħoloq l-Unjoni Ewropea, introduċa s-saħħa pubblika fit-trattat fundatur. Il-kamp ta' applikazzjoni huwa pjuttost limitat, iżda fil-fatt ħoloq bażi legali ċara għall-adozzjoni ta' miżuri ta' politika tas-saħħa. It-Trattat ta' Amsterdam tal-1997 saħħaħ aktar id-dispożizzjonijiet, u filwaqt li l-kompetenza primarja għal kwistjonijiet tas-saħħa baqgħet f'idejn l-Istati Membri, ir-rwol tal-UE sar aktar prominenti. L-UE issa tista' tadotta miżuri mmirati biex jiżguraw (aktar milli sempliċement "jikkontribwixxu għal", bħal qabel) livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-

bniedem, u l-Istati Membri jistgħu jikkooperaw b'rabta ma' kwalunkwe kawża ta' periklu għas-saħħa tal-bniedem.

Fl-1993, il-Kummissjoni ppubblikat komunikazzjoni dwar il-qafas għal azzjoni fil-qasam tas-saħħa pubblika, li identifikat diversi oqsma għal azzjoni u kopriet suġġetti li jvarjaw mill-promozzjoni tas-saħħa għall-kanċer u d-drogi sal-mard rari. Dan kien il-prekursur tal-programmi pluriennali tas-saħħa pubblika li ġew wara. L-evalwazzjoni ta' dak l-ewwel programm ikkonkludiet li fil-futur kien meħtieġ approċċ aktar orizzontali u interdixxiplinarju sabiex l-azzjoni tal-UE tkun tista' tipproduċi valur miżjud. Dan l-approċċ tqies għat-tfassil tal-programmi sussegwenti[1], jiġifieri l-Programm dwar is-Saħħa Pubblika tal-UE 2003-2008, il-Programm tas-Saħħa 2009-2013, u t-Tielet Programm tas-Saħħa 2014-2020.

**B.** Żviluppi reċenti

F'dawn l-aħħar snin, l-istituzzjonijiet iffokaw fuq tliet dimensjonijiet ewlenin li għandhom implikazzjonijiet diretti fuq il-politiki tas-saħħa pubblika:

**1.** Il-konsolidazzjoni tal-qafas istituzzjonali

Ir-rwol tal-Parlament bħala korp għat-teħid ta' deċiżjonijiet (b'kodeċiżjoni mal-Kunsill) issaħħaħ fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mas-saħħa, l-ambjent, is-sigurtà fl-ikel u l-protezzjoni tal-konsumatur. Il-mod li bih il-Kummissjoni tvara inizjattivi leġiżlattivi ġie mirqum bi proċeduri ta' konsultazzjoni standardizzati bejn is-servizzi, regoli ġodda tal-komitoloġija u djalogu mas-soċjetà ċivili u mal-esperti. Fl-aħħar nett, ir-rwol tal-aġenziji (EMA, ECDC, EFSA) issaħħaħ, u b'mod aktar speċifiku bil-ħolqien tal-Aġenzija Eżekuttiv għas-Saħħa u l-Konsumaturi (EAHC) fl-2005, li timplimenta l-Programm tas-Saħħa tal-UE.

**2.** Il-ħtieġa li tissaħħaħ il-kapaċità għal reazzjoni rapida

Huwa issa meqjus bħala fattur essenzjali li l-UE jkollha kapaċità ta' reazzjoni rapida sabiex tkun tista' tirreaġixxi għal theddid ewlieni tas-saħħa b'mod koordinat, speċjalment minħabba t-theddida tal-bijoterroriżmu u l-potenzjal ta' epidemiji dinjija fi żmien fejn it-trasport globali mgħaġġel qed jiffaċilita iktar it-tixrid tal-mard.

**3.** Il-bżonn ta' koordinazzjoni mtejba fil-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard

L-għan huwa li jiġu trattati l-kawżi eżistenti ewlenin tal-mard relatat ma' stili ta' ħajja personali u ma' fatturi ekonomiċi u ambjentali (tniġġis minn pestiċidi, metalli tqal, sustanzi li jfixklu s-sistema endokrinali). Dan jinkludi, b'mod partikolari, koordinazzjoni mill-qrib ma' oqsma ta' politika oħrajn tal-UE bħall-ambjent, it-trasport, l-agrikoltura u l-iżvilupp ekonomiku. Barra minn hekk, din tfisser konsultazzjoni mill-qrib mal-partijiet interessati kollha u onestà u trasparenza akbar fit-teħid ta' deċiżjonijiet. Inizjattiva ewlenija hija t-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' konsultazzjoni pubblika dwar kwistjonijiet relatati mas-saħħa.

[1]https://ec.europa.eu/health/programme/policy/eight_programmes_en

## C. Kwistjonijiet attwali u sfidi futuri[2]

### 1. Is-saħħa fl-oqsma kollha ta' politika

Is-sinerġiji f'diversi oqsma ta' politika jippermettu li l-kwistjonijiet tas-saħħa jiġu indirizzati fil-kuntest usa' tagħhom. L-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt"[3] se tikkontribwixxi għall-produzzjoni ta' ikel li ma jkunx biss sostenibbli, imma wkoll itjeb għas-saħħa; il-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero[4] se joħloq post ta' għajxien aktar nadif u itjeb għas-saħħa; l-integrazzjoni tal-finanzjament tas-saħħa pubblika fil-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+)[5], flimkien ma' fondi u programmi oħra, se tgħin biex jiġu indirizzati kwistjonijiet tas-saħħa minn perspettivi differenti. Il-mitigazzjoni tal-impatt tat-tibdil fil-klima tinkludi wkoll l-indirizzar tal-problemi tas-saħħa li jirriżultaw, jew jiġu aggravati, mit-tibdil fil-klima[6], bħaż-żieda fin-numru ta' mwiet minħabba mewġiet ta' sħana u diżastri naturali, u t-tibdil fix-xejriet ta' infezzjoni għal mard li jinġarr mill-ilma u mard trażmess mill-insetti, il-bebbux jew annimali oħra ta' demmhom kiesaħ.

L-approċċ tas-Saħħa fil-Politiki Kollha (HIAP), ikkodifikat fit-Trattat tal-UE u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, jirreaġixxi għan-natura transsettorjali tal-kwistjonijiet tas-saħħa pubblika u għandu l-għan li jintegra l-aspetti tas-saħħa fil-politiki rilevanti kollha[7].

### 2. Il-prevenzjoni tal-mard u l-promozzjoni tas-saħħa

Il-kanċer huwa t-tieni l-akbar kawża ta' mewt fl-UE li l-konsegwenzi tiegħu jinħassu mhux biss fil-livell individwali u tal-familja, iżda wkoll fil-livell tas-sistemi tal-kura tas-saħħa, tal-baġits u tal-produttività ekonomika nazzjonali. Bħalissa qiegħed jitfassal approċċ komprensiv, imsejjaħ il-Pjan Ewropew għall-Ġlieda Kontra l-Kanċer[8], u jkopri l-prevenzjoni, id-dijanjożi bikrija, it-trattament u s-segwitu.

Flimkien ma' inizjattivi ġodda, hemm ukoll bżonn ta' implimentazzjoni xierqa tal-miżuri eżistenti u reviżjoni possibbli ta' inizjattivi eżistenti. Pereżempju, hemm rakkomandazzjonijiet fis-seħħ fil-livell tal-UE dwar il-programmi ta' skrinjar nazzjonali għall-kanċer tas-sider, dak ċervikali u dak kolorettali, imma s-sensibilizzazzjoni tal-popolazzjoni fil-mira, in-numru ta' nies li jagħmlu l-eżamijiet ta' skrinjar, u s-segwitu għal riżultati inċerti jew pożittivi jvarjaw ħafna bejn Stat Membru u ieħor. Hemm ukoll diskussjonijiet għaddejjin dwar jekk l-ambitu tal-programm ta' skrinjar għandux jiġi estiż biex jinkludi wkoll tipi oħra ta' kanċer, u dwar it-twessigħ tal-popolazzjoni fil-mira.

L-Azzjoni Konġunta tal-UE dwar is-Saħħa u l-Benessri Mentali[9] saret mill-2013 sal-2018, u ħolqot Qafas Ewropew għal Azzjoni dwar is-Saħħa u l-Benessri Mentali[10]. Għalkemm it-tul ta' ħajja tal-azzjoni konġunta kien limitat, is-sensibilizzazzjoni dwar is-saħħa mentali jibqa' kwistjoni importanti. Minħabba l-fatt li s-suwiċidju huwa t-tieni l-akbar kawża ta' mewt fil-grupp tal-età bejn il-15 u d-29 sena, il-prevenzjoni, is-sensibilizzazzjoni, in-nuqqas ta' stigmatizzazzjoni u l-aċċess għall-għajnuna f'dak li

[3]https://ec.europa.eu/food/farm2fork_en
[4]https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/european-green-deal-communication_en.pdf
[5]https://ec.europa.eu/health/funding/future_health_budget_en
[6]https://www.who.int/news-room/fact-sheets/detail/climate-change-and-health
[7]L-Artikoli 9 u 168(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE; L-Artikolu 35 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali
[8]https://ec.europa.eu/health/non_communicable_diseases/cancer_en
[9]https://ec.europa.eu/health/non_communicable_diseases/mental_health_en
[10]https://www.mentalhealthandwellbeing.eu/

jirrigwarda d-depressjoni, l-awtoħsara u s-suwiċidju jibqgħu ta' importanza ewlenija. Is-saħħa mentali fl-iskejjel u fuq il-post tax-xogħol teħtieġ ukoll attenzjoni speċjali.

Fir-rigward ta' mard li jittieħed, hemm leġiżlazzjoni fis-seħħ (id-Deċiżjoni 1082/2013/UE)[11] li tipprovdi l-qafas biex jiġi indirizzat it-theddid transfruntier għas-saħħa: l-ECDC daħħal fis-seħħ Sistema ta' Twissija Bikrija u ta' Reazzjoni, u Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa jikkoordina r-reazzjoni għal tifqigħat u epidemiji. Il-kooperazzjoni mal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa tan-NU hija kruċjali f'dawk il-każijiet, kif jista' jidher fir-rigward tat-tifqigħa reċenti tal-Coronavirus (nCov-2019) fil-bidu tal-2020[12].

L-użu ta' drogi, alkoħol u tabakk huma fatturi ta' stil ta' ħajja b'impatt serju fuq is-saħħa tal-bniedem, u l-ġlieda kontrihom hija ta' tħassib kbir għall-politika tas-saħħa pubblika. Id-Direttiva dwar il-Prodotti tat-Tabakk (id-Direttiva 2014/40/UE[13], applikabbli mill-2016) u d-Direttiva dwar it-Taxxa fuq it-Tabakk (id-Direttiva tal-Kunsill 2011/64/EU[14]) kienu stadji importanti f'dan il-proċess. Is-segwitu possibbli għall-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi 2013-2020[15] u l-Istrateġija tal-UE dwar l-Alkoħol 2006-2012 (COM(2006)0625)[16] huwa soġġett għal diskussjoni u evalwazzjoni ulterjuri.

Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Obeżità fit-Tfulija 2014-2020[17] huwa pass importanti għas-simplifikazzjoni tad-diversi miżuri li jindirizzaw l-obeżità, għalkemm l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu wriet li jeżisti aktar potenzjal biex tissaħħaħ l-iskema, filwaqt li l-Kunsill sab li l-programm ma kienx effettiv biżżejjed.

### 3. Bidliet soċjetali, tranżizzjoni demografika

Ix-xejriet demografiċi reċenti poġġew aktar kwistjonijiet fil-qalba tal-politika tas-saħħa. Il-popolazzjoni li qed tixjieħ tal-Unjoni, id-domanda għal kwalità tal-ħajja fix-xjuħija, u s-sostenibbiltà tas-sistemi tal-kura tas-saħħa kollha jeħtieġu reazzjoni. Fl-2020, id-WHO qed tvara d-Deċennju tat-Tixjiħ b'Saħħtu, u l-Kummissjoni Von der Leyen impenjat ruħha favur Green Paper dwar it-tixjiħ.

Il-kriżijiet migratorji reċenti u l-wasla ta' numru kbir ta' migranti mhux mill-UE wasslu għall-adozzjoni ta' Pjan ta' Azzjoni dwar l-Integrazzjoni ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi (COM(2016)0377)[18]. Il-Pjan ta' Azzjoni jindirizza, *inter alia*, żvantaġġi relatati mas-saħħa esperjenzati mill-migranti, inkluż l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa. L-aġenda Ewropea għall-Migrazzjoni u l-Patt il-Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Asil proposti mill-Kummissjoni l-ġdida mistennija jkomplu jtejbu s-sitwazzjoni.

Fl-2015, il-Parlament Ewropew appella għal azzjoni biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi fit-tfulija f'oqsma bħas-saħħa, u għall-introduzzjoni ta' Garanzija għat-Tfal fil-kuntest ta' pjan Ewropew għall-ġlieda kontra l-faqar fost it-tfal[19]. Il-Kummissjoni l-ġdida mistennija

---

[11]ĠU L 293 5.11.2013, p. 1
[12]https://www.ecdc.europa.eu/en/case-definition-and-european-surveillance-human-infection-novel-coronavirus-2019-ncov
[13]ĠU L 127 29.4.2014, p. 1
[14]ĠU L 176 5.7.2011 p. 24
[15]ĠU 2012/C 402/01
[16]https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52006DC0625&from=MT
[17]https://ec.europa.eu/health/sites/health/files/nutrition_physical_activity/docs/childhoodobesity_actionplan_2014_2020_en.pdf
[18]https://ec.europa.eu/home-affairs/sites/homeaffairs/files/what-we-do/policies/european-agenda-migration/proposal-implementation-package/docs/20160607/communication_action_plan_integration_third-country_nationals_en.pdf
[19]https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52015IP0401

twettaq dan, filwaqt li l-Qorti Ewropea tal-Awdituri qed tħares ukoll lejn l-effettività tal-appoġġ tal-Kummissjoni lill-Istati Membri fit-tnaqqis tal-faqar fost it-tfal.

**4.** Mediċini[20]

Ir-regolament il-ġdid dwar il-provi kliniċi u l-leġiżlazzjoni dwar l-apparat mediku u l-apparat dijanjostiku in vitro se jsiru applikabbli fl-2020. Il-monitoraġġ tal-applikazzjoni prattika ta' dawk ir-regolamenti se jkun importanti biex wieħed jara jekk iwasslux għar-riżultati mistennija. L-aċċess għal mediċini affordabbli u l-indirizzar ta' nuqqas ta' mediċini se jidhru fuq l-aġenda politika fis-snin li ġejjin, b'mod partikolari fid-dawl tal-Brexit. L-evalwazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-mediċini għat-tfal u l-mard rari, u d-direttivi dwar id-demm, it-tessuti u ċ-ċelloli se jwittu t-triq għal bidliet possibbli fil-futur. Il-Parlament Ewropew diġà wera t-tħassib tiegħu dwar ir-retiċenza dwar it-tilqim u t-tnaqqis fir-rati ta' tilqim[21], u esprima l-fehma tiegħu dwar il-Pjan ta' Azzjoni Ewropew "Saħħa Waħda" kontra r-Reżistenza għall-Antimikrobiċi[22]; dawn il-kwistjonijiet se jibqgħu kruċjali wkoll fis-snin li ġejjin.

**5.** Saħħa-e

It-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni jtejbu ċ-ċiklu kollu tal-ħajja tal-kwistjonijiet ta' saħħa, mill-prevenzjoni permezz tad-dijanjosi sat-trattament, il-monitoraġġ u l-ġestjoni tas-saħħa u tal-istil ta' ħajja. Id-diġitalizzazzjoni tas-settur tal-kura tas-saħħa tifforma parti mill-istrateġija għal Suq Uniku Diġitali tal-UE[23] u għandha potenzjal enormi; biex din tirnexxi, qegħdin isiru diversi miżuri.

Il-Komunikazzjoni tal-2018 dwar it-Trasformazzjoni Diġitali tal-Kura u tas-Saħħa fis-Suq Uniku Diġitali (COM(2018)0233[24]) tidentifika tħala prijoritajiet l-aċċess sikur taċ-ċittadini għad-data dwar saħħithom, anke bejn il-fruntieri; mediċina personalizzata permezz ta' infrastruttura tad-data Ewropea kondiviża, li tippermetti lir-riċerkaturi u professjonisti oħra tas-saħħa jaqsmu r-riżorsi madwar l-UE; u l-għoti tas-setgħa liċ-ċittadini permezz ta' għodod diġitali għall-feedback tal-utenti u l-kura ċċentrata fuq il-persuni (soluzzjonijiet tas-saħħa mobbli, mediċina personalizzata). L-infrastruttura ta' servizz diġitali tas-Saħħa-e[25] se tipprovdi n-netwerk fiżiku għal dan.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Parlament ippromwova b'mod konsistenti t-twaqqif ta' politika koerenti dwar is-saħħa pubblika. Fittex ukoll b'mod attiv li jsaħħaħ u jippromwovi l-politika dwar is-saħħa permezz ta' bosta opinjonijiet, studji, dibattiti, stqarrijiet bil-miktub, u rapporti fuq inizjattiva tiegħu stess dwar firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet.

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubbliku, u s-Sigurtà fl-Ikel (ENVI[26]) huwa l-attur prinċipali tal-Parlament dwar kwistjonijiet ta' saħħa u huwa responsabbli għal aktar minn 10 % tal-attivitajiet leġiżlattivi totali tal-Parlament[27]. Reċentement, il-fajls leġiżlattivi

[21]https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52018IP0188
[22]https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52018IP0354
[23]https://ec.europa.eu/digital-single-market/en
[24]https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=COM%3A2018%3A233%3AFIN
[25]https://ec.europa.eu/health/ehealth/overview_mt
[26]Il-paġna ewlenija tal-Kumitat ENVI: http://www.europarl.europa.eu/committees/en/envi/home.html
[27]Rapport ta' attività — Żviluppi u Xejriet tal-Proċedura Leġiżlattiva Ordinarja — it-8 Leġiżlatura; http://www.epgencms.europarl.europa.eu/cmsdata/upload/f4c0b9d3-fec4-4d79-815b-6356336be5b9/activity-report-2014-2019_en.pdf

ewlenin li ġew adottati[28] jinkludu, pereżempju, ir-regolament il-ġdid dwar il-provi kliniċi, l-apparat mediku u l-apparat dijanjostiku in vitro, kif ukoll il-kura tas-saħħa transfruntiera, id-direttiva dwar il-prodotti tat-tabakk, u d-deċiżjonijiet biex jiġu stabbiliti l-programmi ta' finanzjament tas-saħħa. Parti sostanzjali tal-pakkett li jmiss dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM(2019)0640) se jkollha wkoll impatt dirett jew indirett fuq is-saħħa, bħall-istrateġija għal ekonomija nadifa u ċirkolari, l-ambizzjoni ta' tniġġis żero, il-kisba tas-sostenibbiltà tal-katina alimentari u n-newtralità tal-klima. Se tiġi adottata leġiżlazzjoni relatata bil-Parlament bħala koleġiżlatur. Il-Parlament jeżerċita wkoll id-dritt tiegħu ta' skrutinju billi jivverifika u possibbilment joġġezzjona għal atti delegati u ta' implimentazzjoni proposti mill-Kummissjoni fir-rigward ta' leġiżlazzjoni adottata preċedentement; il-ħidma preparatorja f'dak il-qasam issir mill-Kumitat ENVI. Il-Grupp ta' Ħidma dwar is-Saħħa fl-ENVI għandu, bħal fil-passat, rwol attiv fil-promozzjoni tal-iskambji bejn l-MEPs u l-esperti professjonali dwar l-aktar kwistjonijiet topiċi dwar is-saħħa, permezz tal-organizzazzjoni ta' workshops tematiċi u l-għoti ta' għarfien espert bil-miktub (studji, analiżi[29]).

Zsuzsanna Laky
02/2020

[28]Fajls b'ENVI bħala l-kumitat responsabbli, tiftix fil-Bażi tad-Data tal-Osservatorju Leġiżlattiv tal-Parlament: https://oeil.secure.europarl.europa.eu/oeil/search/search.do?searchTab=y&snippet=true&:committeeResponsible_sid=586080&lang=en&dismax=y
[29]Għarfien espert bil-miktub għall-Kumitat ENVI, disponibbli fuq il-websajt tal-kumitat: http://www.europarl.europa.eu/committees/mt/envi/supporting-analyses.html